Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 37/2024 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: It-Tlieta, 30 ta' Lulju 2024

Ħin: 17:30

Bdiet: 18:00

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port

Chev Paul Farrugia	President		Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku		Kunsill Lokali Bormla	Preżenti
Sur John Boxall	Sindku		Kunsill Lokali Birgu	Online
Sur Clayton Cascun	Sindku		Kunsill Lokali Fgura	Preżenti
Sur Nigel Holland	Sindku		Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku		Kunsill Lokali Isla	Preżenti
Sur Wayne Aquilina	Sindku		Kunsill Lokali Kalkara	Preżenti
Sur Jason Silvio	Sindku		Kunsill Lokali Paola	Preżenti
Sur Joseph Abela Galea	Sindku		Kunsill Lokali Tarxien	Preżenti
Sur Olaf McKay	Sindku		Kunsill Lokali Valletta	Preżenti
Sur Neil Attard	Sindku		Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku		Kunsill Lokali Zabbar	Preżenti
Sa Lianne Cassar	Aġent Segretarju Eżekuttiv	Deputat	Reġjun Port	Preżenti

37.1 Ittri ta' Apoloġija

37.1.1 Il-President semma li s-Sur John Boxall talab li jidħol għal-laqgħa online.

37.2 Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.36

37.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti hekk kif mibugħtha mill-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jorge Grech, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

37.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 31

37.3.1 Il-President ippreżenta l-iskeda tal-pagamenti, spjega li

- hemm fattura maħruġa mill-Wasteserv lill-Kunsill Reġjonali Port ta' recycling waste rejects 2023. Il-President semma li l-fattura €58,803.40. Il-President semma li r-Reġjun ijlu jitlob lil Wasteserv rapport ta' kalibrazzjoni tal-miżien u awditjar tas-sistema tal-piż. Semma li minkejja l-komunikazzjoni kollha li saret dawn s'issa għadhom ma ngħtawx. Il-President propona li dan il-ħlas ma jkunx approvat.

- pagament nu61 fuq l-iskeda tal-pagamenti, huwa pagament ta' €100,000 dovut lill-Fondazzjoni Kottonera sabiex tinbeda l-ħidma fuq il-Bid Book għall-Belt Kulturali Ewropea. Il-President semma li flimkien ma' dan il-pagament qed jitressaq ftehim li għandu jiġi ffirmat bejn l-Fondazzjoni u l-Kunsill Reġjonali Port. Il-President spjega li f' komunikazzjoni li huwa rċieva mill-Fondazzjoni kienu intgħażu persuni sabiex jibdew din il-ħidma. Il-President qara l-komunikazzjoni mibgħutha mill-Fondazzjoni fejn semma li; chairperson ser ikun is-Sur Joe Mizzi, id-Direttur Artistiku għadu ser jitħabbar, il-koordinatur tal-proġett is-Sur Liam Gauci, l-Koordinatur tal-Programm u l-koordinatur tar-rieċerka is-Sur Joseph Galea u is-Sur Joseph Gauci, il-koordinatur tal-komunikazzjoni s-Sa. Charmaine Craus u s-Sa. Michelle Lia filwaqt li l-accounts ser ikunu qed jieħdu ħsiebhom staff temporanju mill-Fondazzjoni. Filwaqt li s-Segretarju għad irid jitħabbar.

Peress li din kienet l-ewwel laqgħa ta' Kumitat ġdid, il-President spjega dak kollu li kien ijlu għaddej tul dawn l-aħħar xhur fuq dan is-suġġett. Spjega li r-Reġjun ser ikun qed joħroġ €100,000, filwaqt li €50,000 kull wieħed ser ikunu qed joħorġu mill-Kunsill tal-Birgu u d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

Is-Sur John Boxall xtaq jikkummenta li huwa għandu r-riservi kemm sabiex jiġi ffirmat l-ftehim kif ukoll sabiex jagħddi l-pagament. Is-Sur Boxall semma li xhur ilu kienu qed jgħidu li qegħdin tard biex dan il-Bid Book jinbeda biss pero f' daqqa waħda bħal donnu sar possibbli li dan isir. Semma li l-laqgħat kollha kemm mill-VCA kif ukoll mill-Arts Council Malta mal-Kunsill Reġjonali u mal-Kunsill tal-Birgu kienu waqfu ħasrem. Semma wkoll li l-ittri li ntbgħatu lill-Ministru Owen Bonniċi baqgħu qatt ma' twieġbu. Is-Sur Boxall semma li huwa urtat bis-siwazzjoni, propona wkoll li fl-eventwalita' li l-ħafna risposti jibqgħu ma jitwieġbux għandha issir konferenza stampa. Is-Sur Boxall semma li jidher li mhemmx kompetizzjoni għaliex ir-Reġjun t' Għawdex jidher li ilu li beda jaħdem u seta' wkoll kellu t-triq aktar faċli biex jibda x-xogħol. Minkejja dan is-Sur Boxall semma li huwa ma jixtieqx li jtellef opportunitajiet u għaldaqstant propona li qabel ikun iffirmat l-ftehim kif ukoll jagħddu l-fondi għandha tissejjaħ laqgħa b' mod immedjat mas-Sur Joe Mizzi, l-Onor Owen Bonnici kif ukoll l-Onor. Alison Zerafa Civelli. Din il-proposta kienet milqgħuha u approvata minn dawk kollha preżenti.

Is-Sindki preżenti staqsew jekk ir-Reġjun huwiex obbligat li jħallas €100,000 fis-sena u l-President ikkonferma dan.

37.3.2 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Neil Attard u s-Sur Joseph Abela ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-11 ta' Ġunju 2024 u t-30 ta' Lulju 2024 li kienet tammonta għall-€503,225 li minhom ma kienux approvati pagament Nu. 54 lil Wasteserv li kien jammonta €58,803.40 kif ukoll pagament Nu. 61 dovut lill-Fondazzjoni Kottonera li jammonta għall-€100,000.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

37.4 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Rapport Finanzjarju għat-Tieni Kwart tas-Sena 2024

37.4.1 Il-president preżenta r-Rapport Finanzjarju għat-Tieni Kwart tas-Sena 2024. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li r-Reġjun reġa' għalaq dan il-kwart b'deficit minħabba li r-Reġjun għadu mhux qed jirrkupra l-ispejjeż kollha relatati mal-ġbir ta' skart.

37.4.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jorge Grech, l-Kumitat approva r-rapport finanzjarju hekk kif preżentat.

37.5 Post vakant – Viċi President Reġjun Port

37.5.1 Il-President informa li r-Reġjun għandu post vakant ta' Viċi President. Il-President semma li fil-laqgħa li jmiss ir-Reġjun ser ikun qed jilqa' n-nominazzjonijiet li għandhom ikunu bil-miktub u iffirmati minn proponent u sekondant. Il-President semma li jekk ikun hemm aktar min-nomina waħda jittieħed vot.

37.6 Board tal-Għażla – Uffiċjal Maniġerjali tal-Kultura

37.6.1 Il-President semma li kienu daħlu żewġ applikazzjonijiet għal dan il-post vakant għaldaqstant, ir-Reġjun għandu bżonn jaħtar Board tal-Għażla. Il-President ippropona li l-Board għandu jkun magħmul minn persuni esterni kif ukoll dawk tekniċi u rappreżentanza mir-Reġjun.

37.6.2 Il-President ippropona li s-Sur Mario Fava flimkien mas-Sindku li wera intress, is-Sur Jorge Grech għandhom ikunu parti mill-Board. Filwaqt li għandu jkun hemm tal-inqas persuna jew tnejn tekniċi.

37.6.3 Is-Sindki semmew bosta ismijiet ta' persuni esperti mill-kultura sabiex ikunu jistgħu jsiru dawn l-intervisti.

37.6.4 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jorge Grech kien hemm qbil li l-Board ikun kompost mis-Sur Mario Fava, is-Sur Jorge Grech u żewġ persuni esperti fis-settur. Il-Kumitat approva dak propost.

37.7 Board tal-Għażla – Segretarju Eżekuttiv

37.7.1 Il-President semma li kienu daħlu żewġ applikazzjonijiet għal dan il-post vakant għaldaqstant, ir-Reġjun għandu bżonn jaħtar Board tal-Għażla. Il-President ippropona li l-Board għandu jkun magħmul minn persuni esterni u rappreżentanza mir-Reġjun.

37.7.2 Il-President propona li s-Sur Mario Fava, is-Sur John Mallia u s-Sur Jorge Grech ikunu fuq il-Board tal-Għażla.

37.7.3 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Neil Attard, il-Kumitat qabel mal-proposta.

37.8 Binja Reġjun Port

37.8.1 Il-President għall-benefiċċju tas-Sindki l-ġodda, spjega li r-Reġjun kien qed qiegħed f' komunikazzjoni mal-Foundation for Affordable Housing sabiex ir-Reġjun ikollu l-binja tiegħu u jitwettaq Regional Hub.

37.8.2 Il-President spjega li r-Reġjun diġa qed iħallas diversi renti u li issa l-binja m' għadiex adekwata. Qed issir ħlas ta' renti ta' garaxxijiet minħabba l-arkivji ta' Tribunal, uffiċini ta' Tribunal, awla ta' Tribunal u anki l-Uffiċju amministrattiv tar-Reġjun. Semma wkoll li parti mill-ispejjeż jistgħu jkunu rkuprati mill-kirja tal-kafetterija.

37.8.3 Għaldaqstant, il-president propona li r-Reġjun għandu jkompli b' dan il-proġett u li l-kirja ta' dan il-proġett hija ta' €105,000 fis-sena. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Wayne Aquilina, il-Kumitat qabel li għandu jkompli l-proċess.

37.9 Ftehim Fondazzjoni Kottonera – Belt Kulturali Ewropea

37.9.1 Il-Kumitat iddiskuta din il-materja waqt l-approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti.

37.10 Komunikazzjoni mill-President

37.10.1 **Fondi mill-Kunsilli Malti għall-Arti – Regional Cultural Cooperation Programme** – Il-President semma li r-Reġjun kien irnexxilu jiġi l-ewwel permezz tal-proġett United in Diversity through Arts. Semma li r-Reġjun irnexxilju jibbenifka minn fond ta' €20,000. Semma li fil-ġranet li ġejjin ser ikunu qed joħorġu s-sejħiet sabiex dan il-proġett jinbeda.

37.10.2 **Sessjoni ta' informazzjoni mill-Aġenzija għall-Vittmi tal-Kriminalita'** – Il-President semma li fix-xhar ta' Novembru r-Reġjun ser ikunu qed jorganizza dawn is-sessjonijiet għas-Sindki, Kunsilliera u ħaddiema tal-Kunsilli Lokali.

37.10.3 **Korijiet fil-Milied fil-Knejjes ġewwa r-Reġjun Port** – Il-President semma li r-Reġjun kien irċieva komunikazzjoni minn entita' privata sabiex issiru numruta' korijiet Natizjali madwar ir-Reġjun. Il-President spjega li bħala Reġjuni l-fondi deddikati lill-attivitajiet kulturali kienu diġa assenjati lill-Kunsilli Lokali. Għaldaqstant, ir-Reġjun għal din is-sena żgur li ma setax jiffinanzja din l-inizjattiva.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

37.11 Komunikazzjoni oħra

37.11.1 Il-President spjega li jekk Sindku ma jkunx jista' jattendi għal-laqgħa tar-Reġjun dan għandu jibgħat sostitut tiegħu. Spjega li dan għandu jkun deċiż waqt laqgħa tal-Kunsill u r-Reġjun jiġi infurmat permezz ta' komunikazzjoni uffiċjali ffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Semma li dan għandu jkun Kunsillier wieħed u mhux kull laqgħa jintbgħat Kunsillier differenti.

37.11.2 Is-Sur Clive Pulis semma li jixtieq l-kooperazzjoni tar-Reġjun biex forsi hemm biċċa art lejn is-swar bejn Bormla u l-Fgura fuq in-naħa ta' Raħal Ġdid u li din tiġi irranġata u tibda tintuża bħala parking area. Semma li din għandha ttaffi l-problema ta' parkeġġ kemm mix-xatt tal-Isla kif ukoll mill-Kottonera. Semma wkoll li hemm biċċa art ħdejn Palumbo li wkoll tista' tintuża għall-istess skopijiet.

37.11.3 Is-Sur Marco Agius semma li jinstab prejokkupat li sidien tal-Barklori ngħataw permess minn Transport Malta sabiex jidħlu jorbtu fil-baċier ta' Bormla. Semma li dan sar mingħajr l-ebda konsultazzjoni mal-Kunsill.

37.11.4 Is-Sur Joseph Abela Galea ippropona li r-Reġjun għandu jiffinanzja slitta tal-Milied sabiex iddur fit-toroq tal-lokalitajiet fi ħdan ir-Reġjun. Fuq proposta tas-Sur Abela Galea issekondata mis-Sur Jorge Grech kien hemm qbil li jibdew ifittxu kumpaniji tal-karrijiet li setgħu jagħtu xi kwotazzjonijiet. Semmew li din għandha tkun bil-branding tar-Reġjun u bl-emblemi tal-Kunsilli fuqha.

37.11.5 Is-Sur Nigel Holland ippropona li jiġi ffurmat sotto-kumitat fi ħdan ir-Reġjun li jiddiskuti l-fenomenu li ħafna mill-lokalitajiet fi ħdan ir-Reġjun għaddejin minnu dak ta', ageing population. Fuq proposta tas-Sur Holland, issekondata mill-President kien hemm qbil li din il-proposta tintbgħat lir-Reġjun bil-miktub sabiex ikun jista' jiġi ffurmat is-sotto-kumitat.

37.11.6 Il-President semma li l-ħaddiema tal-RSSL li jaħdmu fuq il-Kostruzzjoniji ser ikunu assenjati kif ġej:

- Settembru – Tarxien
- Ottubru – Żabbar
- Novembru – Fgura
- Diċembru – Isla
- Jannar – Floriana
- Frar – Belt Valletta

Filwaqt li dawk li jagħmlu l-ħadid:

- Novembru – Zabbar
- Diċembru – Isla

37.11.7 Is-Sur John Boxall talab li jkun skużat fis-19:00 filwaqt li s-Sur Nigel Holland talab li jkun skużat fit-20:05.

37.11.8 Il-President semma li r-Reġjun ser ikunu qed jaħdem fuq proposta ta' mobilita' sostenibbli sabiex jibbenifika minn fondi ta' Transport Malta. Semma li din il-proposta għandha tindirizza l-problema li ħafna residenti jkollhom jaqbdu l-vetturi private sabiex jinżlu għall-fast ferry ġewwa Bormla. Semma li fuq is-suġġett kienet saret laqgħa sepratat mail-Kunsilli Lokali involuti.

37.11.9 Il-President semma li l-ex Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun kienet reġgħet fetħet kawża fil-Prim Awla. Semma li l-avukat kien qed jieħu ħsieb li jdaħħal ir-risposta.

37.11.10 Il-President semma li kien ġie imġedded l-kuntratt tal garaxxijiet.

37.12 Aġġornament

37.12.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha għall-ħabta ta' tmienja u nofs ta' filgħaxija. Il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn, 26 t' Awwissu 2024 fil-17:30 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Port

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv